MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 38/2005

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Carmel Muscat abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Carmel Muscat**

**Vs**

**Joseph Fenech**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm271.70c) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tat-30 ta' Jannar 2004, fi Triq il-Mosta, Lija, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura ABH 087, habat mal-vettura ABH 498 misjuqa minn Noel Muscat u b'rizultat tal-kollizjoni, kkawza danni fil-vettura ta' Carmel Muscat, u ghal liema kollizjoni huwa responsabbli unikament il-konvenut minhabba

traskuragni, mperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Is-socjeta' attrici a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni li ghandha ma' l-assigurat taghha kkompensatu tad-danni rizultanti mill-imsemmi ncident, ghajr ghall-*excess* relattiv.

Il-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-Ittra Legali tad-9 ta' Settembru, 2004 u dawk ta' l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Lennart Depasquale jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------